MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 22/2000/1

John Cauchi .

vs

Awtorita' ta' l-Ippjanar,
Supretendent Tas-Saħħa Pubblika .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

Illi l-attur huwa proprjetarju tar-razzett li jinsab fl-inħawi magħrufa "Ta' Paċokk" fil-limiti tax-Xewkija, Għawdex, liema razzett jikkonsisti f'diversi mqawel u btieħi fejn jinżammu l-baqar u bir-raba miegħu, kollox tal-kejl ta' madwar sittax-il tomna pari għal sbatax-il elf disa' mija u sebgħin metri kwadri (17,970 m.k.) – pjanta annessa u markata A ;

Illi r-razzett kif jidher fuq il-pjanta markata A ilu jintuża' għat-trobbija tal-baqar tal-ħalib u tal-laħam għal dawn l-aħħar sittin (60) sena u kien jintuza' għal dan il-fini kemm minn nannu tal-attur, Michele Cauchi, kemm minn missier l-attur, Giuseppe Cauchi u z-ziju tieghu Giovanni Cauchi, u anke' mill-istess attur u llum dan ir-razzett bir-raba kollu ta' mieghu jinsab f'idejn l-esponenti esklussivament ;

Illi dan ir-razzett jinsab ukoll kopert bil-permessi maħruġa mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika u dan il-permess ilu jiġi mġedded sa mis-sena 1964 u llum il-permess jinsab validament reġistrat fuq isem l-attur – ara Dokumenti minn B sa V ;

Illi l-attur huwa raħħal *di professjoni* w ilu f'dan il-mestier sa mis-sena 1965 u dejjem ħadem dan ix-xogħol u regolarment fir-razzett fuq imsemmi ;

Illi l-imqawel għandhom il-btieħi magħhom fejn jinżammu wkoll fihom il-baqar, liema btieħi ilhom jeżistu u jintużaw għal dan l-iskop qabel li l-esponenti kien daħal u beda jaħdem hu f'dan ir-razzett u anke qabel l-eżistenza tal-liġijiet viġenti ;

Ukoll tali użu tar-razzett bl-ambjenti kollha tiegħu u bit-terren li jiċċirkondah fil-mument li beda jintuża mill-awturi tal-attur kien qiegħed hekk jintuza' konformement mal-liġijiet prevalenti dak iż-żmien ;

Illi permezz ta' żewġ avviżi ta' twettiq maħruġa mill-Awtorita' ta' l-ippjanar u li jġibu n-numri wieħed bl-ittri ECF numri disgħa mija u wieħed u ħamsin sbarra tal-ħamsa u disgħin (ECF 951/95) u l-ieħor ECF numri elf mitejn u wieħed u tmenin sbarra tal-ħamsa u disgħin (ECF 1281/95), l-attur ġie ordnat illi jieqaf jagħmel użu ta' waħda mill-btieħi għall-baqar, liema bitħa tikkonfina mit-tramuntana in parti ma' wieħed mill-imqawel u in parti ma' bitħa oħra u mill-irjieħ l-oħra kollha mar-raba proprjeta' tal-istess attur - il-bitħa in kwistjoni hija delineata bil-kulur aħmar fuq l-annessa pjanta markata A ;

Illi l-imsemmija bitħa ilha tintuza' u fiha jitpoġġew il-baqar sa minn kemm ilu li nbena l-maqjel u tinfed mal-istess maqjel fuq imsemmi ;

Illi *inter alia* l-bitħa hija miksija bis-siment u billi f'dawn l-aħħar snin il-qoxra irqiqa tas-cement li l-art tagħha kienet miksija bih, inkisret bl-irfis bir-riġlejn u l-piż tal-baqar kif ukoll partijiet mill-ħitan li jdawru din il-bitħa kienu ġew imġarrfa, l-attur ħtieġlu jagħmel riparazzjonijiet tal-ħitan li jdawru din il-bitħa kif ukoll tal-art fl-istess bitħa u dan biex jirrepara dak li diġa' kien pre-eżistenti, liema xogħol wassal għal ħruġ tal-avviżi ta' infurzar fuq imsemmija mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar ;

Illi l-attur jinsab f'pożizzjoni li jipprova li din il-bitħa ilha teżisti żmien twil u llum għadu jsir l-istess użu minnha kif ilu jsir sa mill-antik li dan ir-razzett kien beda jopera ;

Illi l-Awtorita' ta' l-Ippjanar qegħda thedded lill-attur li ser tieħu azzjoni ta' twettiq fil-konfront tiegħu sabiex tesegwixxi l-ordnijiet fuq imsemmija billi tkisser l-art tal-konkos u l-ħitan ta' madwar il-bitħa ;

Illi l-attur diġa' ppreżenta mandat ta' inibizzjoni kontra l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fl-istess ismijiet (Mandat ta' Inibizzjoni Numru : 125/99) sabiex din tiġi mwaqqfa milli sia hi jew permezz ta' kuntratturi mqabbda minnha twettaq l-azzjonijiet tagħha biex l-attur jinżamm milli jibqa' jagħmel użu tal-bitħa in kwistjoni għall-użu tal-baqar, u sabiex ineħħi l-ħitan tal-bitħa u l-art tal-konkos ;

Illi l-konvenut l-ieħor is-Supretendent tas-Saħħa bl-aġir tiegħu qiegħed jippreġudika lill-attur kull meta jonqos li jafferma l-legalita' tal-pożizzjoni tal-attur *di fronte* l-Awtorita' tal-Ippjanar kull meta dina tipproċedi kontra l-istess attur ;

Illi dwar ir-razzett in kwistjoni (u mhux dwar il-bitħa mertu ta' din il-kawża) ġia' hemm żewġ kawżi oħra li għadhom pendenti quddiem din il-Qorti waħda fl-ismijiet : John Cauchi – vs – Chairman Awtorita' ta' l-Ippjanar (Cit. Numru 250/97) u l-oħra fl-ismijiet : John Cauchi – vs –

Supretendent tas-Saħħa Pubblika (Cit. Numru 242/96), liema żewġ kawżi jittrattaw dwar mertu kważi identiku għal kwistjoni odjerna .

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara li l-bitħa li fuq il-pjanta markata A hija delineata bil-kulur aħmar tifforma parti integrali mir-razzett tal-attur u tintuża għat-trobbija tal-baqar u din il-bitħa ilha hekk tintuża għal dan l-iskop għal żmien twil u ħafna żmien qabel kull ordni ta' twettiq maħruġa mill-Awtorita' tal-Ippjanar u konformement mal-liġijiet prevalenti fil-mument meta din il-bitħa u r-razzett bdew jintużaw mill-awturi tal-attur ;

2. Tinibixxi lill-Awtorita' tal-Ippjanar milli tesegwixxi l-ordnijiet ta' twettiq tagħha ECF 951/95 u ECF 1281/95 fejn jirrigwardaw l-użu ta' din il-bitħa għat-trobbija tal-baqar u attivita' affini .

Bl-ispejjeż inklużi tal-protest ġudizzjarju ta' 24 ta' Diċembru 1999, spedit kontra l-konvenuti, u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 125/99, u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni u għaliha minn issa huma mħarrkin .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur kkonfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-Awtorita' konvenuta li biha eċċepiet illi :

1. Illi preliminarjament li din l-Onorabbli Qorti **ma għandhiex il-ġurisdizzjoni** li tissindika deċiżjonijiet ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar peress li l-attur kellu d-dritt li jappella quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-ippjanar fil-konfront tal-ħruġ taż-żewġ avviżi biex tieqaf u ta' twettiq **bin-numri respettivi ecf.951/95 u ecf.1281/95,** u li sussegwentement l-istess attur seta' jappella minn deċiżjonijiet ta' l-istess Bord ta' l-Appell lill-Qorti ta' l-Appell fuq punti ta' liġi deċiżi mill-istess Bord . Illi pero' minn dan kollu **l-attur ma għamel xejn** u minflok wara kważi ħames

snin mill-ħruġ ta' l-imsemmija avviżi, l-attur b'mod vessatorju għażel li jagħmel din il-kawża .

2. Illi **preliminarjament ukoll** u bla ebda preġudizzju għas-suespost **it-talbiet ta' l-attur huma preskritti skond il-ligi .** Illi fil-konfront ta' l-imsemmija avviżi tat-twettiq u biex tieqaf ġia ċitati, l-attur seta' fl-ewwel lok **jagħmel appell lill-Bord ta' l-Appell fiż-żmien ħmistax-il ġurnata** minn notifika biex jikkontesta l-imsemmija avviżi jew inkella **seta' jagħmel applikazzjoni biex jissana l-iżvilupp illegali** kolpit mill-istess avviżi fiż-żmien stabilit skond l-artikolu 52 ta' l-Att Numru I tan-1992 . Illi jirriżulta li fiż-żmien mogħti bil-liġi li l-attur seta' allura jikkontesta ossia jagħmel applikazzjoni biex jissana, l-attur f'dawk it-termini mogħtija lilu bil-liġi, baqa' la appella u lanqas ma għamel applikazzjoni biex forsi jipprova jissana l-iżvilupp illegali kolpit mill-avviżi ġia ċitati .

3. Illi fil-kuntest tas-suespost l-art. 52(5) ta' l-Art Numru I tan-1992 jgħid espressament li l-applikazzjoni biex tissana żvilupp illegali trid isir " ... **fiż-żmien imsemmi fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu ... "** (cioe' l-art. 52), biex allura l-Awtorita' tinżamm milli tesegwixxi l-avviż tat-twettiq in kwistjoni . Illi ż-żmien riferit fl-art. 52 (4) hu ta' ħmistax-il ġurnata jew żmien itwal li jiġi speċifikat fl-avviż relattiv, liema żmien jibda jiddekorri minn notifika tiegħu lill-parti konċernata . Illi fil-każ taż-żewġ avviżi tat-twettiq ġia ċitati ż-żmien mogħti lir-rikorrenti **kien ta' 16-il ġurnata mid-data tan-notifika .** Illi jirriżulta li matul dak iż-żmien ma saret l-ebda applikazzjoni da parti ta' l-attur biex tipprova tissana l-iżvilupp .

4. Illi noltre bla preġudizzju għas-suespost fil-kuntext ta' eċċezzjoni li l-azzjoni odjerna hi preskritta skond il-liġi, l-unika possibilita' oħra, li allura a bażi tagħha l-attur seta' forsi jżomm l-Awtorita' biex taġixxi a bażi ta' l-avviżi ta' twettiq u biex tieqaf ġia' ċitati, hu a bażi ta' l-artikolu 469 A ta' l-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta . L-Awtorita' umilment teċepixxi li anke f'dan ir-rigward **it-talbiet u l-azzjoni odjerna ta' l-attur huma preskritti** u dan a bażi tas-subartikolu (3) tal-artikolu 469A li bl-aktar mod ċar jipprovdi li l-azzjoni biex twaqqa' l-għemil

amministrattiv ta' l-Awtorita' **trid isir fi żmien sitt xhur .** Illi f'dan il-każ l-avviżi in kwistjoni ilhom li ġew notifikati lill-attur kważi ħames snin u li għalhekk iż-żmien li fih għal grazzja ta' l-argument, l-attur seta' jikkontesta u jagħmel it-talbiet u l-azzjoni odjerni hu preskritt .

5. Illi **bla preġudizzju għas-suespost,** il-konvenuta l-Awtorita' ta' Ippjanar meta ħarġet l-imsemmija avviżi ġia ċitati kienet qed taġixxi skond il-poteri u funzjonijiet spettanti lilha taħt l-Att Numru I tal-1992 .

6. Illi l-kawża odjerna hi kontestata kemm fil-fatt u fid-dritt.

Salv eċċezzjonijiet oħra .

Bl-ispejjeż kontra l-istess attur .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess Awtorita' maħlufa minn Joe Felice .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Supretendent tas-Saħħa Pubblika li eċċepixxa illi :

1. Illi in forza ta' l-Artikolu 127 tal-Kodiċi tal-Pulizija ħadd ma jista' jżomm maqjel tal-bhejjem tal-fart f'post bgħid anqas minn 183 metri minn post abitat, jekk ma hux bil-liċenzja tal-Supretendent tas-Saħħa Pubblika .

2. Illi s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika għandu d-deskrezzjoni li ttih il-Liġi taħt l-Artikolu 127 (3) tal-Kodiċi tal-Pulizija li ma jagħtix il-liċenzja għaż-żamm ta' tali bhejjem meta fil-fehma tiegħu tali żamm jista jkun ta' ħsara għas-Saħħa Pubblika .

Salv eċċezzjonijiet oħra .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa minn Dr. John Cachia .

Rat in-nota ta' l-attur tas-17 ta' Mejju 2002 fejn ċeda l-kawża fil-konfront tal-konvenut Supretendent tas-Saħħa .

Rat il-verbal tagħha tat-22 ta' April 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l- eċċezzjonijiet preliminari ta' l-Awtorita' konvenuta .
Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-kontendenti dwar dawn l-eċċezzjonijiet .

Rat l-atti l-oħra tal-kawża .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha l-Awtorita' konvenuta qed teċċepixxi illi din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni stante li skond l-Att I ta' l-1992, il-ġurisdizzjoni f'dawn il-każijiet tinsab fl-ewwel istanza f'idejn il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u fit-tieni istanza f'idejn il-Qorti ta' l-Appell fuq punti ta' liġi deċiżi mill-istess Bord .

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qiegħed *inter alia* jikkontesta żewġ ordnijiet ta' twaqqif u twettieq maħruġa mill-Awtorita' konvenuta fil-konfront tiegħu in konnessjoni ma' xogħol li ġie segwit f'bitħa annessa mar-razzett tal-baqar illi dan għandu fix-Xewkija .

L-ewwel kwistjoni li għalhekk trid tiġi deċiża minn din il-Qorti, tirrigwarda d-dritt o meno li wieħed jirrikorri għall-Qorti ordinarja sabiex jikkontesta deċiżjoni meħuda minn xi organu stabilit mill-Att I tal-1992 li jirregola l-Ippjanar ta' l-iżvilupp (kif sussegwentement emendat), minkejja li l-istess liġi tipprovdi hija stess dwar ir-rimedji disponibbli għal min ikun irid jikkontesta tali deċiżjoni .

Ir-rimedji li tipprovdi l-liġi msemmija għall-kontestazzjonijiet meħuda mill-organi tagħha huma, l-ewwel dritt ta' appell quddiem tribunal maħluq għal dan il-fini mill-istess liġi, u ċioe' l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, imbagħad ċans ta' appell ieħor quddiem il-Qorti ta' l-Appell, imma biss fuq punt ta' liġi .

Il-Qorti ta' l-Appell fuq appell minn sentenza ta' din il-Qorti kif ippreseduta dwar kwistjoni simili ta' nuqqas ta' ġurisdizjoni tal-qorti ordinajra fi kwistjonijiet dwar

deċiżjonijiet meħuda mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar, fil-kawża fl-ismijiet "**Richard Zammit vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar**" (Citaz. Nru. 99/1998; 31.5.2002) qalet hekk :

"*L-eċċezzjoni preliminari tal-appellant dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni li l-ewwel Onorabbli Qorti tisma' u tiddeċidi l-mertu tal-kawża odjerna hija evidentement bażata fuq ir-raba' subartikolu tal-imsemmi artikolu 469A tal-Kap. 12 . Dan is-subartikolu jgħid li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A :-*

'***m'għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem Qorti jew Tribunal jiġi pprovdut dwaru f'xi liġi oħ***ra' .

*Bis-saħħa ta' dan is-subartikolu l-ġurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji li jimbarkaw fuq "judicial review" ta' għemil amministrattiv ta' kwalunkwe awtorita' fosthom ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, tinsab effettivament limitata għal każijet fejn ma jkunx ipprovdut b'xi liġi partikolari mod ieħor ta' kontestazzjoni jew mod ieħor li bis-saħħa tiegħu jkun possibbli l-ksib ta' rimedju effettiv quddiem xi Tribunal speċjali li l-istess liġi jew Qorti tkun ħasbet għalieh .*

*Fil-każ odjern hemm liġi speċjali eżattament l-Att Numru I tal-1992 li inter alia, kkrejat makkinarju u proċeduri ad hoc biex wieħed ikun jista' appożitament jikkontesta xi deċiżjoni u/jew xi għemil amministrattiv ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li bihom wieħed seta' ħassu aggravat . Issir referenza hawn għall-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, Tribunal indipendenti, mwaqqaf bis-saħħa tal-artikolu 14 tal-imsemmi att tal-1992 . Dan il-Bord ingħata, inter alia, ġurisdizzjoni speċifika li jisma' u jiddeċidi appelli magħmula minn min iħossu aggarvat b'deċizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar kull ħaġa ta' kontroll ta' l-iżvilupp, inkluż it-twettieq ta' dak il-kontroll . L-istess artiklu jipprovdi li d-deċiżjonijiet tal-Bord ikunu finali ħlief dwar punti tad-dritt deċiżi mil-Bord li minnhom ġie appożitament provdut appell lil din il-Qorti ta' l-Appell …..*

*L-iskop tal-attur appellat li għalieh intavola l-odjerna kawża huwa preċiżament biex huwa jottjeni r-revoka tad-deċiżjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li biha rrifjutat il-ħruġ ta' permess tal-iżvilupp li kien applika għalieh l-istess attur appellat . Inoltre huwa qiegħed jitlob li l-avviżi biex tieqaf u ta' twettieq imsemmija fiċ-ċitazzjoni jiġu revokati mill-Qorti . Issa, l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, bis-saħħa tal-liġi speċjali fuq imsemmija, ngħata s-setgħa li, f'termini tal-istess liġi speċjali jinvestiga l-għemil ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, u ngħata s-setgħa mill-istess liġi speċjali li jipprovdi rimedju effettiv għal min ikun aggravat bl-istess għemil jew deċiżjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar , Anzi, f'dan il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar mhux biss għandu s-setgħa li jirrevoka d-deċiżjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li biha ġie rifjutat il-permess għall-iżvilupp mitlub mill-appellat iżda wkoll l-istess Bord għandu s-setgħa li huwa stess joħroġ il-permess mitlub, naturalment jekk huwa jkun sodisfatt li dan jista' jagħmlu skond il-liġi .*

*L-imsemmi subartikolu 4 tal-artikolu 469A espressament jisvesti l-Qrati ordinarji mill-ġurisdizzjoni mogħtija lilhom bis-subartikolu 1 tal-istess artikolu 469 A li jistħarrġu ġudizjarjament deċiżjonijiet amministrattivi, fuq fatti u kunsiderazzjonijet li jkunu diġa' ġew mistħarrġa, jew li jistgħu jiġu mistħarrġa u deċiżi minn Bordijiet jew Tribunali jew Qrati li jkunu twaqqfu jew ġew inkarigati ad hoc mil-leġislatur b'xi liġi speċjali biex appuntu jinvestigaw u jiddeċidu kwistjonijiet tekniċi jew legali msemmija fl-istess liġi speċjali.*"

Ta' l-istess fehma kienet ukoll il-Qorti ta' l-Appell f'sentenza preċedenti tagħha fuq l-istess kwistjoni fil-kawża fl-ismijiet "John Cauchi vs Chairman Awtorita' ta' l-Ippjanar" (ċitaz. 25/1997 ; 5.10.2001)[1] .

Mhux kontestat illi l-attur baqa' qatt ma appella mill-ordnijiet hawn fuq imsemiija maħruġa kontra tiegħu mill-Awtorita' konvenuta, la quddiem il-Bord ta' l-Appell u wisq anqas quddiem il-Qorti ta' l-Appell kif tipprovdi l-liġi .

[1] Ara wkoll Victor Attard vs Chairman Awtorita' ta' l-Ippjanar : Appell : 7.4.03 ; Pietru Pawl Borg et. vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar : Appell : 8.5.03 ; Trimeg Ltd. vs L-Awtorita' ta' L-Ippjanar : PA. 28.1.04 .

Lanqas ma ressaq ebda raġuni sabiex jiġġustifika dan in-nuqqas tiegħu . Jirriżulta għalhekk illi r-rimedju effettiv li ġie pprovdut mil-liġi lill-istess attur sabiex jikkontesta deċiżjonijiet ta' l-awtorita' konvenuta li laqtuh ħażin ma ġiex utilizzat minnu .

In vista għalhekk tal-ġurisprudenza ċċitata hawn fuq, jidher illi safejn din l-eċċezzjoni tolqot l-għemil ta' l-awtorita' konvenuta, konsistenti fil-ħruġ ta' l-ordnijiet ta' twaqqif u twettieq imsemmija fiċ-ċitazzjoni, in segwitu għax-xogħlijiet magħmula mill-attur fil-bitħa in kwistjoni, l-qrati ordinarji m'għandhom l-ebda ġurisdizzjoni biex jissindikaw tali għemil . Minħabba dan in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni, ikun għalhekk inutili għall-Qorti li teżamina wkoll l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħra .

Billi mbagħad safejn b'din iċ-ċitazzjoni ntalbet ukoll dikjarazzjoni li l-bitħa fejn saru x-xogħlijiet in kwistjoni kienet tifforma parti ntegrali mir-razzett kopert mill-permessi kollha skond il-liġijiet sanitarji, din il-kwistjoni ġiet superata bl-ammissjoni tal-konvenut Supretendent tas-Saħħa Pubblika fil-mori tal-kawża,[2] u nfatti l-kawża ġiet ċeduta fil-konfront tiegħu, din il-Qorti ma jibqagħalha ebda talba oħra dwar x'hiex tista' tieħu konjizzjoni tal-kawża .

Tiddeċidi għalhekk billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari ta' l-Awtorita' konvenuta dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tissindika l-għemil tagħha u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur .

**< Sentenza Finali >**

---

[2] ara dikjarazzjoni relattiva magħmula fl-udjenza tas-17 ta' Mejju 2002 a fol. 72 tal-process .

---------------------------------TMIEM---------------------------------